**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**6 ta' Novembru 2018**

**Rikors Numru 42/2018**

**Annabel Falzon**

**Vs**

**L-Awtorita` tal-Artijiet**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Annabel Falzon** ipprezentat fil-11 ta' Mejju 2018 li permezz tieghu ppremettiet is-segwenti:-

*"ILLI l-esponenti ilha tokkupa l-fond, illum bin-numru 6 ġja bin-numru 120, Triq Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Baħar, Malta, għal dawn l-aħħar erbgħin (40) sena u li għadha tokkupa sal-preżent;*

*ILLI in ottemperanza mas-sub-inċiz 6 tal-Artikolu 12 tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti talbet lid-Dipartiment tal-Artijiet bħala l-proprjetarju tal-art/fond in kwistjoni, sabiex jersaq għall-pubblikazzjoni ta' kuntratt notarili sabiex il-fond in kwistjoni jingħata lilha b'enfitewsi skont is-subinċiż erbgħa (4) u ħamsa (5) tal-istess Artikolu hawn fuq imsemmi;*

*ILLI permezz ta' deċiżjoni maħruġa mill-Bord tal-Gvernaturi tal-konvenuta Awtorita' tal-Artijiet, l-applikazzjoni tal-esponenti għall-Konverżjoni taċ-Ċens fuq il-fond 120, Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar, Malta, ġiet miċħuda, bir-raġuni mogħtija tkun li mhux fl-interess tal-Gvern li ssir il-konverżjoni.*

*ILLI l-fatti fil-qosor rigwardanti t-trasferimenti li għalihom kien suġġett dan il-fond mertu tal-każ in deżamina huma s-segwenti:*

*[1] ILLI b'kuntratt datat sitta u għoxrin ta' April tas-sena elf disa' mija u tnax (26.04.1912) in atti tan-Nutar għall-Gvern, ir-Riċevitur Ġenerali u Direttur tal-Kuntratti ikkonċeda lil Paolino dei Baroni Attard Montalto enfitwesi temporanja ta'*

*disgħa u disgħin (99) sena dekorribbli mill-ħmistax ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u tlettax (15.08.1913) ta' żewġ porzjonijiet mir-razzett sitwat fil-limiti tan-Naxxar konsistenti:*

*(a) f'porzjon denominata "Tat-Tafal" tal-kejl ta' ħamsa u għoxrin (25) tomna, ħames (5) mondelli u erba' (4) misuri ekwivalenti għal disgħa u għoxrin elf, mija u erbatax punt wieħed disgħa metri kwadri (29,114.19 m.k.); u*

*(b) f'porzjon denomiata "Tal-Basal" tal-kejl ta' sitta u tletin elf, sitt mija u tmienja punt wieħed disgħa metri kwadri (36,608.19 m.k.).*

*[2] ILLI b'kuntratt datat il-ħamsa u għoxrin ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u wieħed u sitting (25.07.1961) in atti tan-Nutar Salvatore Abela, l-eredi ta' Paolino dei Baroni Attard Montalto ossia n-Nobbli Joseph Attard Montalto biegħ, assenja u trasferixxa l-perijodu rimanenti mill-konċessjoni enfitewtika fuq deskritta a favur ta' Giovanni Agius fir-rigward ta' diversi porzjonijiet mir-raba msejħa "Tas-Sinja" liema raba tifforma parti mir-raba deskritt fil-paragrafu (b) ossia dak denominat "Tal-Basal", fil-kuntrada ta' Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Baħar. Fost tali porzjonijiet kien hemm il-fond in kwistjoni, okkupat mill-esponenti, li ġie deskritt bħala "parti diviza mir-razzett ... liema razzett iġib in-numru mija u għoxrin Burmarrad Road limiti ta' San Pawl il-Baħar u imiss mill-Punent tal-imsemmija triq u mill-irjiħat l-oħra ma' ġid tan-Nobbli Dottor Avukat Giuseppe Attard Montalto jew kwalunkwe irjiħat oħra verjuri u liema parti diviża tar-razzett tikkonsisti f'passaġġ komuni li mit-triq jieħu għar-razzett fil-fond tal-imsemmi passaġġ issib loġġa li hija ta' dina l-porzjoni u li 'l ġewwa minnha hemm żewġ kmamar li l-bibieb tagħhom jinfetħu fl-imsemmija loġġa liema żewġ kmamar huma sottoposti għal kamra oħra u sest indiviż tar-remissa li tmiss mar-razzett u tifforma parti minnu…"*

*[3] ILLI tramite kuntratt datat erbgħa u għoxrin ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u ħamsa u sittin (24.08.1965) in atti tan-Nutar Salvatore Abela, 'l fuq imsemmi Giovanni Agius ikkonċeda lil Giuseppe Borg il-porzjon diviża mir-razzett, hekk kif deskritt fil-paragrafu preċedenti, b'titolu ta' sub-enfitewsi temporanja b'effett mill-ħmistax ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u ħamsa u sittin (15.08.1965) għal żmien sbatax (17) –il sena.*

*[4] ILLI skont iċ-Ċedoli ta' Depożitu ppreżentati fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bin-Numri 2300/17 u 2790/11, Angelo Agius, ossia iben 'il fuq imsemmi Giovanni Agius, kien jikri l-proprjeta' fuq deskritta lil Joseph u Antonia Borg li jiġu n-nanniet tal-esponenti, ossia Annabel Falzon nee' Aquilina, versu l-ħlas ta' kera ta' sitta u erbgħin ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€46.59) fis-sena li jitħallsu kull ħmistax (15) ta' Awwissu bil-quddiem. L-istess ċedoli jirrilevaw li l-esponenti kienet ilha tgħix man-nanniet tagħha fil-fond in kwistjoni sa mit-twelid tagħha u li għaldaqstant kellha dritt tkompli fil-kirja.*

*[5] ILLI abbażi tal-kuntratt tal-elf disa' mija u tnax (1912) l-enfitewsi temporanja in kwistjoni kellha tiskadi fil-ħmistax ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnax (15.08.2012).*

*[6] ILLI ai termini tal-artikolu tnax (12) subinċiż erbgħa (4) tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta "Meta tagħlaq enfitwesi temporanja ta' dar ta' abitazzjoni okkupata minn ċittadin ta' Malta bħala r-residenza ordinarja tiegħu fi żmien dak l-egħluq, li ma tkunx enfitewsi msemmija fis-subartikolu (2)(a) jew (b), l-enfitewta jkollu l-jedd jikkonverti l-enfitewsi f'waħda perpetwa taħt l-istess kondizzjonijiet ta' enfitewsi temporanja barra minn dawk li jkunu jirreferu għaż-żmien u għaċ-ċens."*

*[7] ILLI fid-dawl tal-fatt li l-esponenti hija l-okkupant tal-fond in kwistjoni u mhux l-enfitewta, japplika għas-sitwazzjoni tagħha s-subinċiż ħamsa (5) tal-istess Artikolu*

*tnax (12) li jipprovdi li f'każ li l-enfitewta ma jeżerċitax id-dritt imsemmi fis-subinċiż erbgħa (4) fi żmien sitt (6) xhur mid-data li fiha tali jedd ikun eżerċitabbli (f'dal każ jidher li l-enfitewta ma eżerċitax dan id-dritt), tali jedd jgħadd għand l-okkupant tad-dar, li għandu l-jedd jitlob "li d-dar ta' abitazzjoni tingħata lilu mill-proprjetarju b'enfitewsa perpetwa taħt l-istess kondizzjonijiet li kienu jiġu applikati kieku l-enfitewta kien ikkonverta l-enfitewsi f'waħda perpetwa."*

[8] *ILLI fl-umli fehem tal-esponenti nonċio' li jeżistu u huma sodisfatti r-rekwiżiti tal-Liġi għal xi raġuni jew oħra l-applikazzjoni tal-esponenti għall-Konverżjoni taċ-Ċens fuq il-fond 120, Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar, Malta, ġiet miċħuda mill-Awtorita' Konvenuta.*

*ILLI l-esponenti tħoss ruħha aggravata minn din id-deċiżjoni tal-Awtorita' Konvenuta, u għalhekk permezz tal-preżenti qegħda tinterponi din l-umli oġġezzjoni mill-istess deċizjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti;*

*ILLI jibda biex jingħad li l-esponenti qua qegħda tipprevalixxi ruħha mill-fakulta' mogħtija lilha permezz tal-Artikolu 57 tal-Att dwar l-Awtorita tal-Artijiet (Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta) li jgħid hekk:*

(1) *It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandu jkun kompetenti biex jisma' u jiddetermina:*

(a) *l-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità; u*

(b) *l-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata minn xi att amministrattiv jew xi pieni oħra imposti fuq dik il-persuna mill-Awtorità:*

*Iżda t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma għandu bl-ebda mod ikun kompetenti biex jisma' u jiddeċiedi kawżi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Bord ta' Arbitraġġ tal-Artijiet:*

*Iżda wkoll, sakemm ma jkunx preskritt mil-liġi, oġġezzjoni magħmula skont dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandha tiġi ppreżentata fi żmien għoxrin ġurnata minn meta dik il-persuna tirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità."*

*ILLI l-esponenti ġiet notifika bid-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita' tal-Artijiet tat-28 ta' Marzu 2018, proprju fis-26 ta' April 2018 u perċio' qegħda tintavola din l-oġġezzjoni entro l-perjodu ta' għoxrin ġurnata hekk kif stipulata u kontemplata fil-Liġi;*

***ILLI l-ewwel aggravvju tal-esponenti huwa ċar u manifest u jikkonsisti fil-fatt li l-Bord tal-Awtorita' tal-Artijiet ma' għamilx apprezzament tajjeb tal-fatti u tal-liġi;***

*ILLI bir-rispett kollu lejn il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita' tal-Artijiet dan wasal għad-deċiżjoni tiegħu mingħajr ma għamel ebda sforz diliġenti sabiex jeżamina akkuratament il-provi mressqa;*

*ILLI l-Artikolu 12 tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta, li jitkellem dwar enfitewsi temporanja ta' djar ta' abitazzjoni, fis-subinċiż erbgħa (4) jagħmilha ċara illi:*

(4) *Meta tagħlaq enfitewsi temporanja ta' dar ta' abitazzjoni okkupata minn ċittadin ta' Malta bħala r-residenza ordinarja tiegħu fi żmien dak l-egħluq, li ma tkunx enfitewsi msemmija fissubartikolu (2) (a) jew (b), l-enfitewta*

*jkollu l-jedd jikkonverti l-enfitewsi f'waħda perpetwa taħt l-istess kondizzjonijiet ta' enfitewsi temporanja barra minn dawk li jkunu jirreferu għaż- żmien u għaċ-ċens. Iċ-ċens li jkollu jitħallas b'effett mill-konversjoni tal-enfitewsi f'waħda perpetwa u sakemm jgħaddu ħmistax-il sena minn dik id-data jkun daqs sitt darbiet iċ-ċens li kien jitħallas minnufih qabel dik il-konversjoni, u wara dan għandu jiżdied kull ħmistax-il sena b'daqstant miċ-ċens kurrenti, li jkun ammont li ma jkunx iżjed minn dak iċ-ċens, li jirrappreżenta bi proporzjon miegħu ż-żieda fl-inflazzjoni minn meta l-imsemmi ċens ikun ġie stabbilit l-aħħar*

*ILLI pero' fil-każ in deżamina peress li l-esponenti hija l-okkupant tal-fond de quo, u mhux l-enfitewta, is-subinċiż relevanti huwa l-ħames (5) wieħed tal-istess Artikolu tnax (12) li jipprovdi hekk:*

(5) *Jekk l-enfitewta ma jeżerċitax il-jedd mogħti lilu bis-subartikolu (4) fi żmien sitt xhur mid-data li dak il-jedd ikun eżerċitabbli, dak il-jedd għandu, bil-modifiki meħtieġa, jgħaddi għand min ikun qed jokkupa d-dar li jkollu jedd jitlob, bl-esklużjoni tal-enfitewta, li d-dar ta' abitazzjoni tingħata lilu mill-proprjetarju b'enfitewsi perpetwa taħt l-istess kondizzjonijiet li kienu jiġu applikati kieku l-enfitewta kien ikkonverta l-enfitewsi f'waħda perpetwa.*

*ILLI ma hemm l-ebda dubju li ż-żewġ kundizzjonijiet ewlenin imsemmija fis-subinċiż 5 tal-Artikolu 12 ġew ampjament sodisfatti u cioe':*

1. *l-enfitewta għażel li ma jeżerċitax id-dritt lilu mogħti fis-subinċiz 4 tal-Art. 12*
2. *fi żmien sitt (6) xhur mid-data li fiha tali jedd ikun eżerċitabbli;*

*ILLI għalhekk jekk iseħħu dawn iż-żewġ kundizzjonijiet, allura dan il-jedd jgħaddi għand l-okkupant, perċio' f'dan il-każ il-jedd għadda għand l-esponenti, li min-naħa tagħha għażlet li teżerċita dan il-jedd u cioe' "li d-dar ta' abitazzjoni tingħata lilu mill-proprjetarju b'enfitewsa perpetwa taħt l-istess kondizzjonijiet li kienu jiġu applikati kieku l-enfitewta kien ikkonverta l-enfitewsi f'waħda perpetwa."*

*ILLI għaldaqstant il-Bord tal-Awtorita' tal-Artijiet ma seta' qatt jirrifjuta l-applikazzjoni tal-esponenti sabiex issir il-konverżjoni tal-enfitewsi minn waħda temporanju għal waħda perpetwa skont id-dettami tal-Liġi;*

*ILLI mingħajr pregudizzju għas-suespost, id-deċiżjoni (xejn motivata) mogħtija mill-Bord tal-Awtorita' tal-Artijiet, lanqas biss tagħmel aċċenn għal raġuni;*

*ILLI in vista tan-nuqqas ta' motivazzjoni fid-deċiżjoni mogħtija, wieħed ma jistax jasal għar-raġuni li fuqha ġiet ibbażata d-deċiżjoni, għaliex proprju "li mhux fl-interess tal-Gvern li ssir il-konverżjoni" hija raġuni ferm vaga;*

*ILLI jekk wieħed forsi juża l-immaginazzjoni ta' x'jista' jitqies bħala fl-interess tal-Gvern, żgur li fir-rigward tal-fond in deżamina żgur li dan ma jinkludix is-segwenti, u cioe':*

- *l-użu pubbliku ġenerali*
- *għall-interess jew qadi tal-pubbliku;*
- *għall-ippjantar tal-ibliet jew irħula;*
- *għaż-żieda fl-impiegi;*
- *għat-tkattir fit-turiżmu;*
- *għall-promozzjoni tal-kultura;*
- *għall-preservazzjoni tal-identità nazzjonali u storika;*
- *għall-ħarsien ekonomiku tal-Istat;*

- *għall-skop li għandu x'jaqsam mad-difiża ta' Malta jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-operazzjonijiet navali, militari jew tal-ajru;*
- *għal kull raġuni marbuta mal-provvista, ħażna jew distribuzzjoni ta' karburanti jew sorsi oħra ta' enerġija;*
- *għall-konnessjoni mal-provvista ta' xi servizz ta' utilità jew servizz muniċipali jew proġett infrastrutturali.*

*ILLI għaldaqstant żgur li fil-każ in deżamina, għalkemm ma hemm l-ebda raġuni valida li tista' tinkwadra ruħha fid-definizzjoni ta' x'jista jitqies bħala fl-interess tal-Gvern.*

***ILLI t-tieni aggravvju tal-esponenti qiegħed jingħata mingħar pregudizzju għall-ewwel aggravju u dan jikkonsisti fil-fatt li d-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita' tal-Artijiet m'hijiex motivata u dan bi ksur lampanti tal-Liġi u kif ukoll l-imsemmija deċiżjoni hija nieqsa minn kunsiderazzjonijiet legali;***

*ILLI din l-aggravvju qiegħed jingħata strettament mingħajr pregudizzju għall-ewwel aggravvju;*

*ILLI d-deċiżjoni moħtija mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita' tal-Artijiet **<u>sempliċement</u>** tgħid illi l-applikazzjoni ġiet miċħuda stante "li mhux fl-interess tal-Gvern li ssir il-konverżjoni" u dan mingħajr ebda motivazzjoni u/jew raġuni dettaljata;*

*ILLI jibda biex jingħad s-sempliċi dikjarazzjoni li l-konverżjoni mitluba m'hijiex fl-interess tal-Gvern, mingħajr ingħatat ebda raġuni għalfejn m'hijiex fl-interess tal-Gvern u/jew għaliex huwa fl-interess tal-Gvern li l-konverżjoni ma' ssirx hija bir-rispett kollu <u>abbużiva</u>;*

*ILLI huwa ben risaput u abbraċċjat mill-gurisprudenza lokali li sia Qorti, jew Tribunal jew kwalunkwe Awtorita' jew Entita Governattiva li għandhom l-poter li jagħti deċiżjoni, tali sentenza jew deċiżjoni għandu jkun fiha il-motivi tagħha (!)*

*ILLI fis-sentenza fl-ismijiet* **Agricultural Co-operative Limited vs Peter Axisa** *[deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' April 2004, Appell Ċivili Numru: 794/2001/1, per Imħallef Philip Sciberras] fejn saret referenza għas-sentenza fl-ismijiet* **Dr. Alfred Sant vs Kummissarju tat-Taxxi Interni** *[deċiża mill-Qorti tal-Appell, fl-4 ta' Marzu 1992] ġie ritenut illi:*

> *"Ma jistax ikun dubitat illi, kif manifest mill-kontenut tas-sentenzi fuq aċċennati, <u>l-motivazzjoni hi ta' essenza tal-gudizzju u ma jistgħax jingħad allura illi jkun qed jidher li ssir gustizzja mal-partijiet jekk dawn ma jingħatawx is-sodisfazzjon minimu tar-raguni li tkun wasslet lill-gudikant għad-deċiżjoni tiegħu. Dan igħodd għat-tribunali kollha, gudizzjarji, kwazi gudizzjarji jew amministrattivi.</u>*
>
> *<u>Il-proċess kellu jiggarantixxi mhux biss smiegħ xieraq lill-partijiet iżda wkoll li dawn ikunu jafu r-raġuni għaliex it-talbiet u/jew l-eċċezzjonijiet ikunu qed jiġu milqugħa jew miċħuda. Dan hu bil-wisq fondamentali fid-determinazzjoni tad-drittijiet u tal-obbligi ċivili tal-individwi u allura tal-ħarsien kostituzzjonali u konvenzjonali tagħhom.</u> <u>Proprju "d-difett li jippregudika l-jedd ta' smiegħ xieraq" preċiżat fl-Artikolu 790 tal-Kap 12 huwa intiz mhux biss biex tiġi</u>*

*assigurata t-trasparenza tal-gudizzju imma wkoll biex tkun tista' tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat. Għal dan ukoll hu imprexxindibilment meħtieġ illi s-sentenza tissodisfa l-element ta' motivazzjoni bażika li l-appellant kellu dritt għaliha fid-deċiżjoni.* *Deċiżjoni li kellha tikkontjeni b'neċessita` ritwali konstatazzjonijiet u dikjarazzjonijiet dwar "i punti formali e principali dell'azione e dell'eccezione" (**Vol V pagna 526**). Kuntrarjament għal dak sostenut mis-socjeta` appellata fir-risposta tagħha għall-aggravju hawn ezaminat, id-deċide waħidha tad-deċiżjoni appellata, kif redatta, ma kienetx tissodisfa l-minimu ta' motivazzjoni li l-liġi teħtieġ." [enfasi miżjud mill-esponenti]*

*ILLI l-esponenti in aċċenn għal dan li ġie appena ċitat ssostni li hija ġiet imċaħħda mill-ġustizzja għaliex proprju ma ngħatatx sodisfazzjon minimu a bażi ta' raġuni motivata;*

*ILLI fis-sentenza fl-ismijiet* ***Charmaine Camilleri vs Eugenio sive Gino u Giovanna Antida konjugi Abdilla*** *[deċiża mill-Qorti tal-Appell, fit-12 ta' Jannar, 2005, Appell Ċivili Numru: 659/2002/1, per Imħallef Philip Sciberras] insibu referenza dwar il-motivazzjoni u cioe' li:*

> *"Per riconoscere il vero portato di una sentenza occorre indagare quale fosse la questione sulla quale il giudice fu chiamato a pronunziarsi e la discussione che precedetta il suo giudizio ed esaminare il dispositivo nel suo complesso, raffrontandolo e mettendolo in armonia colla* ***motivazione, la quale è anche essa parte della sentenza****, sebbene dalla stessa non ne sorga il giudicato, e quando la parte dispositiva di una sentenza fosse concepita in termini generici, il suo significato puo essere ristretto dalle considerazioni che la motivarono". (**Kollez. Vol. XXIV P I p 157**)" [enfasi miżjud mill-esponenti]*
>
> *u kif ukoll hekk:*
>
> *"Illum, kif saput, taħt l-inkalzar tal-gurisprudenza evoluta mill-organi gudizzjarji Ewropej in materja jinsorgi l-prinċipju li tali motivazzjoni mhux biss trid tirriżulta fis-sentenza iżda wkoll li din trid tkun adegwata. "Motivazzjoni li kellha tkun tali li fil-minimu kienet tissodisfa fuq kollox il-partijiet in kawza fuq il-korrettezza fattwali u guridika tar-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni. Hu fid-dawl ta' dan il-prinċipju appena aċċennat li gie ritenut li l-motivazzjoni, waqt li f' kull kaz kellha tkun adegwata, pertinenti u relatata mal-kwestjonijiet ta' fatt u dritt sottomessi lill-Qorti mill-partijiet in kawza, kienet certament id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Ewwel grad li kellha tkun l-aktar eżawrjenti proprju għaliex hi l-motivazzjoni tagħha li kellha tipprovdi l-bażi ta' l-aggravju ta' l-eventwali appell mogħti lil tribunal ta' revizjoni" - "***Gordon Agius - vs- Avukat Generali***", Appell, 20 ta' Dicembru, 2000" [enfasi miżjud mill-esponenti]*

*ILLI magħdud dan, huwa dejjem opportun li jigi mfakkar ukoll il-prinċipju bażilari li l-litigant għandu jingħata raġuni għaliex il-meritu kien qed jiġi deċiż kif fil-fatt ġie deċiż;*

*ILLI fil-kawża fl-ismijiet* ***Manuela Camilleri vs Direttur tas-Sigurata Soċjali*** *[deċiża fis-27 ta' Mejju, 2015, mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Appell Ċivili Nru: 24/2012] ingħad il:*

> *"Decizjoni din li kellha tkun appoġġjata minn motivazzjoni adegwata li tipprovdi s-sodisfazzjoni minimu lill-appellanti għaliex l-Arbitru jkun wasal għal dak il-konvinċiment tiegħu. Ma għandu qatt jintilef di vista illi s-suffiċjenza u r-razzjonalita` tal-motivazzjoni timplika logikament ir-raffront bejn ir-raġuni tad-deċiżjoni u r-rizultanzi probatorji. Ara f'dan is-sens id-deċiżjonijiet ta' din il-*

*Qorti fl-ismijiet" -* ***Anthony Galdes Giappone -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali****", 9 ta' Jannar, 2009 u "****Mary Bonavia -vs- Diretur tas-Sigurta` Socjali****", 30 ta' Jannar, 2009; Dan kollu qiegħed jiġi sottolinejat in kwantu, skematika kemm hi skematika d-deċiżjoni appellata de quo, wieħed kien jistenna illi almenu l-Arbitru kellu japprezza, ankorke fl-assjem tagħhom, l-elementi ta' prova ta' naħa u ta' oħra qabel ma finalment iqiegħed in riljev l-aspett singolari spigolat minnhom u hekk bastanti biex jikkjarixxi u adegwatament isostni r-ratio decidendi."*

*ILLI in vista tan-nuqqas ta' motivazzjoni tagħha, ma tistax tiġi individwata r-raġuni li fuqha ġiet ibbażata d-deċiżjoni;*

*ILLI għaldaqstant id-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita' tal-Artijiet fil-konfront tal-esponenti hija nulla stante li hija priva minn motivazzjoni u perċio' l-pregudizzju derivanti ma' jistax jissewwa ħlief billi tiġi dikjarata nulla d-deċiżjoni hawn appellata proprju minħabba difett ta' motivazzjoni;*
*ILLI jsegwi wkoll illi d-deċiżjoni lanqas ma hi konkordi ma xi liġi partikolari, anzi tmur kontra d-dettami tal-liġi, senjatament il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Bord ma jistax jagħżel li jinjora l-liġi u/jew li jieħu deċiżjonijiet kuntrarji għal dak li tgħid il-liġi.*

*GĦALDAQSTANT u in vista tas-suespost l-esponenti umilment u bir-rispett titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu:*

1. *Jiddikjara li r-rifjut tal-Bord tal-Awtorita' tal-Artijiet għall-konverzjoni tal-enfitewsa minn waħda temporanja għal waħda perpetwa fuq il-fond 120, Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar, Malta ma tiswiex u m'għanda ebda bażi fil-liġi;*

2. *Iħassar, jirrevoka u jikkanċella d-deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Awtorita' tal-Artijiet li biha ċaħdet it-talba tal-esponenti għall-konverzjoni tal-enfitewsa minn waħda temporanja għal waħda perpetwa fuq il-fond 120, Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar, Malta;*

3. *Jiddikjara li konċessjoni enfitewtika fuq il-fond 120, Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar, Malta, għandha tiġi konvertita u mibdula minn waħda temporanja għal waħda perpetwa kif trid il-liġi;*

4. *Jordna lill-Bord tal-Awtorita' tal-Artijiet jieħu l-passi kollha neċessarji sabiex issir il-konverzjoni tal-enfitewsi fuq il-fond 120, Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar, Malta, minn wieħed temporanju għal wieħed perpetwu;*

5. *Jordna illi jiġi ppubblikat il-kuntratt ta' konverżjoni tal-enfitewsi minn wieħed temporanju għal wieħed perpetwu;*

6. *Jaħtar Nutar sabiex jippubblika l-kuntratt ta' enfitewsi perpetwa u għal dan l-iskop jistabilixxi data, ħin u post, għall-pubblikazzjoni tal-att finali;*

7. *Jaħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil min mill-partijiet, b'mod partikolari l-konvenut, jonqos milli jidher għall-pubblikazzjoni tal-att finali;*

*U dan skont dawk il-provvedimenti li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jagħti."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` ta' l-Artijiet** datata 4 ta' Gunju 2018 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"*

1. *Illi r-rikorrenti talbet lill-Awtorita' esponenti sabiex il-kirja tal-fond in kwistjoni bin-numru 120, Triq Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Baħar jiġi trasferit lilha b'enfitewsi.*

2. *Illi l-Awtorita' tal-Artijiet b'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi datata 28 ta' Marzu, 2018 irrifjutat it-talba tal-esponenti u dan stante 'li mhux fl-interess tal-Gvern li ssir il-konverżjoni';*

3. *Illi wara li ngħatat l-imsemmi rifjut ir-rikorrenti talbet lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex iħassar, jirrevoka u jikkanċella id-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Gvernaturi u li ssir il-konverżjoni tal-enfitewsi fuq il-fond 120, Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar minn wieħed temporanju għal wieħed perpetwu;*

4. *Illi t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda stante li ma ġiet indikata l-ebda bażi legali fondata, mill-istess rikorrenti, li tikkostitwixxi raġuni valida kemm fil-fatt u kemm fid-dritt amministrattiv li timmerita reviżjoni ta' dan l-għemil amministrattiv;*

5. *Illi r-rikorrenti tenniet illi ħassitha aggravata mid-deċiżjoni tal-Awtorita' għar-raġunijiet segwenti:*

    a. *Ghaliex il-Bord tal-Awtorita' tal-Artijiet ma ghamilx aprezzament tajjeb tal-fatti u tal-ligi; u*
    b. *Minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita' tal-Artijiet m'hijiex motivata u dan bi ksur lampanti tal-ligi u kif ukoll l-Imsemmija decizjoni hija nmieqsa minn kunsiderazzjonijiet legali;*

6. *Illi l-Awtorita' esponenti tirrespingi dawn l-aggravji ghar-ragunijiet illi gejjin:*

    a. *Fl-ewwel lok rigwardanti l-ewwel aggravju hija assunzjoni fiergha tar-rikorrent illi l-Bord tal-Awtorita' tal-Artijiet m'ghamilx apprezzament tajjeb tal-fatti u tal-ligi fil-kaz odjern.*
    b. *Illi ghall-kuntrarju, il-Bord tant ghamel apprezzament tajjeb illi bid-decizjoni tieghu irrifletta numru ta' decizjonijiet mehuda mill-qrati taghna rigwardanti l-klawsoli li fuqhom qieghda tistrieh ir-rikorrenti u cioe Art 12(4) u (5) tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta.*
    **c.** *Illi gie ritenut aktar minn darba mill-qrati taghna illi dawn l-artikli jilledu d-drittijiet fundamentali tal-padrun dirett kif protetti bl-art. 37 tal-Kostituzzjoni u bl-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (Ara* ***Appell Kostituzzjonali*** *fl-ismijiet* ***Josephine Bugeja et v.Avukat Generali et*** *bin-numru 1/2002 u* ***Appell Kostituzzjoniali*** *fl-ismijiet* ***John Bugeja v. Il-Provinċjal Reverendu Alfred Calleja OFM Conv et);***
    d. *Illi r-rikorrent ghamel lista ta' ragunijiet li zgur ma setghux ikunu l-bazi tad-decizjoni tal-Bord pero' naqas illi jaghti raguni valida ghalfejn din il-konversjoni m'hijiex fl-interess tal-gvern;*

e. *Illi huwa propju l-izbilanc bejn l-interess tal-okkupant tal-fond, dejjem jekk hija verament dak li qieghda ssostni li hi, u l-gvern emanenti mill-fatt illi l-gvern ikun ser idahhal ammont spettakolarment ridikolu ghal art li tiswa' bil-bosta aktar minn dak li qed jigi mhallas bhala cens illi hija r-raguni cara wara d-decizjoni tal-imsemmi Bord;*
f. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ma gie fl-ebda punt pruvat lill-Bord illi s-sinjura Falzon hija verament residenti fil-fond in kwistjoni. Ir-rikorrenti accennat ghal xi cedoli illi kienu nkitbu pero' din qajla tista' tkun prova cara u konkreta illi hija abitwalment residenti fil-fond.*
g. *Illi fis-sentenza tagħha tat-8 ta` Frar 1971 fil-kawza* ***Coppini noe. vs Vella Bonnici noe.*** *il-Qorti tal-Appell osservat li b`residenza ordinarja wieħed għandu jfisser post b`ċertu grad ta` kontinwita`, apparti assenzi aċċidentali jew temporanji. Id-durata mhux kriterju esklussiv u neċessarjament determinanti. Hu pero` kriterju tajjeb dak li jirrigwarda l-mod kif bniedem ugwalment jorganizza ħajtu. Residenza ordinarja timplika permanenza u abitwalita`.*
h. *Illi r-residenza ordinarja trid tirriżulta minn sensiela ta` fatti ppruvati u fil-kisba tagħha m'hemm xejn awtomatiku. Għalhekk il-fatt li persuna jkollha dokumenti li prima facie jattestaw konnessjoni tagħha mal-fond waħedhom ma jistgħux jitqiesu bħala prova nkonfutabbli ta` residenza. Per eżempju, l-inklużjoni fir-Reġistru Elettorali jikkostitwixxi biss prova li trid tiġi verifikata, li tista` tkun korroborattiva, iżda mhux neċessarjament u dejjem konklussiva (****Calleja et. vs Ellul*** *– Qorti tal-Appell – 29 ta` Novembru 1996).*
i. *Illi stante dan in-nuqqas ta' prova cara u inkonfutibbli dwar ir-residenza ordinarja l-Bord kien ikun irresponsabbli jippermetti l-konverzjoni minn cens temporanju ghal cens perpetwu f'din l-istanza;*
j. *Illi fit-tieni lok rigwardanti t-tieni aggravju, rigward l-allegazzjoni illi d-decizjoni m'hijiex motivata, hawnhekk ukoll dan huwa aggravju illi ma jsegwix;*
k. *Illi r-raguni ghaliex ma gietx milqugha t-talba hija li 'mhux fl-interess tal-Gvern li ssir il-Konverzjoni". Din ir-raguni tissodisfa l-prinċipju amministrattiv, "the duty to give reasons" .*

7. *Illi Art7(2)(c) tal-Kap 563 jagħmilha l-funzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet illi "tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika" w'għaldaqstant kienet fid-drittijiet pjeni taghha meta hadet id-decizjoni li fuqha qed jigi maghmul dan l-appell.*

8. *Illi fid-dawl tal-fatt illi l-artikolu citat mir-rikorrenti bhala bazi tat-talbiet taghha huwa ritenut mill-qrati taghna bhala wiehed anti-kostituzzjonali, jekk l-istess talbiet jigu milqugha, dan l-Onorabbli Tribunal ikun huwa stess qieghed jaghti rimedju anti-kostituzzjonali li jmur kontra l-ispirtu ta' dak li ddecidiet il-Qorti Kostituzzjonali taghna.*

*Għaldaqstant dan l-Onorabbli Tribunal għandu jiċħad it-talbiet mressqa quddiemu mir-rikorrenti bl-ispejjeż interament għall-istess soċjetà rikorrenti.*

*Daqstant l-Awtorità intimata għandha l-unur li twieġeb u tħalli għas-savju u superjuri ġudizzju ta' dan it-Tribunal. "*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassitha aggravata b'decizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` ta' l-Artijiet komunikata lilha permezz ta' ittra datata 28 ta' Marzu 2018 li permezz taghha giet mgharrfa illi l-applikazzjoni taghha ghall-konverzjoni tac-cens tal-fond 120, Burmarrad Road, San Pawl il-Bahar kienet giet michuda peress li mhux fl-interess tal-Gvern li ssir il-konverzjoni.[1]

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fl-1912 l-art in kwistjoni nghatat b'cens temporanju ghal disa' u disghin (99) sena lil certu Paolino dei Baroni Attard Montalto. Certu Joseph Borg, li jigi n-nannu tar-rikorrent, kien jikri l-art in kwistjoni minghand certu Giovanni Agius li kien a sua volta xtara l-*utile dominium*. Ir-rikorrenti tishaq illi hija dejjem ghexet fil-fond in kwistjoni u ghalhekk hija ghandha dritt li tikkonverti l-kirja li kellu nannuha f'cens perpetwu siccome` l-*utilista* ma kienx uzufruwixxa mid-dritt li taghtih il-ligi li jikkonverti huwa stess ic-cens temporanju f'wiehed perpetwu.

Illi t-Tribunal jinnota illi fir-risposta u fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-Awtorita` intimata semmiet diversi punti li ma jirriflettux id-decizjoni appellata, u cioe` il-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrenti hijiex verament residenti jew le fil-fond in kwistjoni. It-Tribunal jaghmilha cara illi huwa se jezamina l-istess decizjoni fil-parametri li giet mehuda u mhux se jesplora materji ohra li ma humiex riflessi fid-decizjoni. Kwindi dak li se jgharbel dan it-Tribunal huwa biss jekk il-Bord tal-Gvernaturi kienx gustifikat jew le li jichad it-talba tar-rikorrenti abbazi tal-fatt li ma kinitx fl-interess tal-Gvern li ssehh il-konverzjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi l-Awtorita` intimata qieghda tiddefendi l-posizzjoni taghha stante li l-artikoli li jaghtu fakulta lir-rikorrenti titlob ghall-konverzjoni tal-kirja f'wahda ta' cens perpetwu gew dikjarati mill-Qorti Kostituzzjonali bhala disposizzjonijiet li jilledu d-drittijiet fundamentali tal-padrun dirett kif protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.[2]

---

[1] A fol. 103

[2] Ara fost ohrajn Appell Kostituzzjonali numru 1/2002 fl-ismijiet Josephine Bugeja et vs Avukat Generali et deciz fis-7 ta' Dicembru 2009 u aktar ricenti Victoria Amato Gauci pen vs Avukat Generali et deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-17 ta' Ottubru 2018.

Illi skond artikolu 12 tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta:[3]

*"(1) Minkejja kull ħaġa li tinsab fil-Kodiċi Ċivili jew f'xi liġi oħra, id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu u tal-artikoli 12A għandu jkollhom effett dwar il-kuntratti kollha ta' enfitewsi temporanja li jkunu saru fi kwalunkwe żmien.*

*(2) Meta dar ta' abitazzjoni tkun ingħatat b'enfitewsi temporanja -*
*(a) għal perijodu ta' mhux iżjed minn tletin sena, jekk il-kuntratt ikun sar qabel il-21 ta' Ġunju, 1979, jew*
*(b) għal kull perijodu ieħor, jekk il-kuntratt ikun sar wara l-imsemija data, u fit-tmiem xi enfitewsi bħal dik l-enfitewta jkun ċittadin ta' Malta u jkun jokkupa d-dar bħala residenza ordinarja tiegħu l-enfitewta jkollu jedd li jibqa' jokkupa id-dar b'kera mingħand il-padrun dirett -*
*(i) b'kera li jkun daqs iċ-ċens li kien jitħallas minnufih qabel ma tkun għalqet l-enfitewsi, miżjud, fil-bidu tal-kirja tad-dar bis-saħħa ta' dan l-artikolu, u wara t-tmiem ta' kull ħmistax-il sena wara sakemm tibqa' l-kirja favur l-istess kerrej, b'daqstant miċ-ċens li kien jitħallas minnufih qabel dak il-bidu jew il-bidu ta' kull perijodu sussegwenti ta' ħmistax-il sena, li jkun ammont li ma jkunx iżjed minn dak iċ-ċens, li jirrappreżenta bi proporzjon għal dak iċ-ċens iż-żieda fl-inflazzjoni minn meta ċ-ċens li għandu jiżdied ikun ġie stabbilit l-aħħar; u*
*(i) suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fis-subartikolu 5(3)(b); u*
*(ii) taħt dawk il-kondizzjonijiet l-oħra li jistgħu jiġu miftehma bejniethom jew, jekk ma jkunx hemm ftehim, skont kif il-Bord jidhirlu xieraq.*

*(3) Meta fit-tmiem ta' enfitewsi kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a) jew (b) d-dar ta' abitazzjoni tkun suġġetta għal kirja, id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini,m'għandhomx japplikaw dwar kirja bħal dik: Iżda meta l-kerrej taħt l-imsemmija kirja jkun ċittadin ta' Malta u jkun jokkupa d-dar bħala r-residenza ordinarja tiegħu dan għandu, fit-tmiem tal-imsemmija kirja, ikollu il-jedd li jkompli jokkupa d-dar taħt kirja ġdida mingħand il-padrun dirett bl-istess kera u taħt l-istess kondizzjonijiet kif imsemmija fis-subartikolu (2)(i) u (ii) dwar l-enfitewta.*

***(4) Meta tagħlaq enfitewsi temporanja ta' dar ta' abitazzjoni okkupata minn ċittadin ta' Malta bħala r-residenza ordinarja tiegħu fi żmien dak l-egħluq, li ma tkunx enfitewsi msemmija fis-subartikolu (2)(a) jew (b), l-enfitewta jkollu l-jedd jikkonverti l-enfitewsi f'waħda perpetwa taħt l-istess kondizzjonijiet ta' enfitewsi temporanja barra minn dawk li jkunu jirreferu għaż-żmien u għaċ-***

[3] Qabel ma gie emendat bl-Att XXVII tal-2018 (L-uniku emenda f'dan l-artikolu kienet illi fis-subartikolu 1, wara l-kliem "tal-artikolu 12A" zdiedu l-kliem "u 12B).

***ċens. Iċ-ċens li jkollu jitħallas b'effett mill-konversjoni tal-enfitewsi f'waħda perpetwa u sakemm jgħaddu ħmistax-il sena minn dik id-data jkun daqs sitt darbiet iċ-ċens li kien jitħallas minnufih qabel dik il-konversjoni, u wara dan għandu jiżdied kull ħmistax-il sena b'daqstant miċ-ċens kurrenti, li jkun ammont li ma jkunx iżjed minn dak iċ-ċens, li jirrappreżenta bi proporzjon miegħu ż-żieda fl-inflazzjoni minn meta l-imsemmi ċens ikun ġie stabbilit l-aħħar.***

***(5) Jekk l-enfitewta ma jeżerċitax il-jedd mogħti lilu bis-subartikolu (4) fi żmien sitt xhur mid-data li dak il-jedd ikun eżerċitabbli, dak il-jedd għandu, bil-modifiki meħtieġa, jgħaddi għand min ikun qed jokkupa d-dar li jkollu jedd jitlob, bl-esklużjoni tal-enfitewta, li d-dar ta' abitazzjoni tingħata lilu mill-proprjetarju b'enfitewsi perpetwa taħt l-istess kondizzjonijiet li kienu jiġu applikati kieku l-enfitewta kien ikkonverta l-enfitewsi f'waħda perpetwa.***

***(6) Meta l-enfitewta jew min ikun qed jokkupa d-dar ikollu jedd jikkonverti enfitewsi temporanja f'waħda perpetwa taħt is-subartikolu (4) jew (5), dan jista' jitlob li jsir kuntratt nutarili f'dan is-sens, u l-padrun dirett jew il-proprjetarju għandu jilqa' dik it-talba.***

***(6) Meta l-enfitewta jew min ikun qed jokkupa d-dar ikollu jedd jikkonverti enfitewsi temporanja f'wahda perpetwa taht is-subartikolu (4) jew (5), dan jista' jitlob li jsir kuntratt nutarili f'dan is-sens, u l-padrun dirett jew il-proprjetarju ghandu ilqa' dik it-talba."***

Illi t-Tribunal jinnota li permezz tal-Att XXVII tal-2018 il-legislatur ghamel diversi emendi fil-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta, pero` xorta halla d-dritt li min jokkupa dar ta' abitazzjoni skond l-artikolu 12 (5) li jista' jikkonverti cens temporanju ghal wiehed perpetwu. Illi kull awtorita` trid tapplika l-ligijiet vigenti tal-pajjiz u ladarba d-disposizzjoni hawn fuq citata kienet, u ghadha *in vigore,* meta nghatat id-decizjoni impunjata, l-Awtorita` intimata ma setghetx taqbad u ma tapplikax il-ligi kif kienet. Minkejja s-sentenzi kostituzzjonali, sal-punt li ttiehdet id-decizjoni appellata u anke sal-lum il-gurnata, il-legislatur ma abrogax id-dritt li jekk wiehed jissodisfa certi kundizzjonijiet ikun jista' jikkonverti cens temporanju f'wiehed perpetwu. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti kellha kull aspettattiva legittima li titlob sabiex issir il-konverzjoni ai termini tal-artikolu 12 (5) tal-Kapitolu 158, u l-Awtorita` intimata, bhala l-padrun dirett kellha tilqa' dik it-talba a tenur tas-subartikolu 12(6) tal-imsemmija Ligi.x

Illi ghalhekk ir-raguni tar-rifjut moghtija mill-Awtorita` intimata u cioe` ***"li mhux fl-interess tal-Gvern li ssir il-konverzjoni"*** ma hijiex wahda valida fil-ligi. It-Tribunal jinnota illi d-decizjoni tal-Awtorita` intimata setghet ukoll kienet ftit iktar esplicita fid-dicitura taghha stante dwar fhiex jikkonsisti l-

"interess tal-Gvern" huwa wiehed vast hafna. Jekk l-Awtorita` intimata kellha f'mohhha, kif jidher li kellha, d-decizjonijiet kostituzzjonali msemmija fir-risposta taghha allura kien ikun ghaqli li r-raguni tar-rifjut tkun aktar esplicita. Ic-cittadin m'ghandux ghalfejn joqghod jassumi x'kien hemm wara r-ragunar tal-Awtorita`. Mid-decizjoni komunikata lilu ghandu mill-ewwel jifhem ir-raguni wara r-rifjut halli dan ipoggih f'posizzjoni li jkun jista' jappella fuq punti specifici u mhux jispara fid-dlam. Filwaqt li t-Tribunal jirrikonoxxi li l-Bord tal-Gvernaturi mhux xi qorti jew tribunal, xorta wahda irid isegwi principji ta' mgieba amministrattiva tajba, fosthom li jaghti ragunijiet cari u sufficjenti li jissodisfaw lil min ikun qieghed jircievi d-decizjoni biex ikun jista' jifhem ir-*ratio decidendi* tal-istess Awtorita`. Illi fir-risposta taghha l-Awtorita` intimata tiddikjara illi r-*ratio* kien propju l-izbilanc bejn l-okkupant u l-padrun dirett, f'dan il-kaz il-Gvern. Allura l-Awtorita` intimata ghazlet li ma tapplikax il-ligi ghax skond hi kienet se tigi zvantaggjata. Fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal dan huwa ragunament ferm perikoluz u jghaddi messagg ferm hazin lic-cittadini li huma mistennija li jaderixxu ruhhom mal-ligijiet tal-pajjiz anke fejn ikun hemm istanzi fejn ma jaqblux mal-istess ligijiet. Ghaldaqstant l-awtoritjiet amministrattivi nnifishom m'ghandhomx jinjoraw il-ligijiet vigenti u jarrogaw fuqhom poteri "legislattivi", anke jekk l-istess ligijiet jigu ddikjarati li jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Sta ghal-legislatur li jara li dawn ma jibqghux hekk jilledu l-istess drittijiet.

Illi finalment, vis-a-vis it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' talba tar-rikorrenti, it-Tribunal jirrileva illi l-poteri tieghu johrogu minn artikolu 5 tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa m'ghandux il-poter li jissostitwixxi d-diskrezzjoni li l-legislatur feda f'idejn l-Awtorita` intimata bid-diskrezzjoni tieghu. Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt li qieghed ihassar u jannulla d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 28 ta' Marzu 2018, jistieden lill-Awtorita` intimata terga' tikkonsidra t-talba tar-rikorrenti fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jilqa' l-appell tar-rikorrenti limitatament ghal dak li jirrigwarda l-ewwel u t-tieni talba u jichad ir-risposta tal-Awtorita` intimata, filwaqt li jichad it-talbiet l-ohra kollha stante li ma humiex ta' kompetenza tieghu.

Bl-ispejjez a karigu tal-Awtorita` intimata.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**